



**Il-Qorti Ġenerali tannulla, minħabba insuffiċjenza ta' motivazzjoni, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-għajjnuna mill-Istat tal-Ġermanja favur il-kumpannija tal-ajru Condor Flugdienst.**

*Madankollu, minħabba l-kuntest ekonomiku u soċjali kkaratterizzat mill-pandemija tal-Covid-19, hija tissospendi l-effetti tal-annullament sal-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida mill-Kummissjoni.*

F'April 2020, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kkomunikat lill-Kummissjoni għajjnuna individwali favur il-kumpannija tal-ajru Condor Flugdienst GmbH (iktar 'il quddiem "Condor"), fil-forma ta' żewġ selfiet li jammontaw għal EUR 550 miljun, iggarantiti mill-Istat u mogħnija b'interessi ssussidjati. Din il-miżura kienet intiża li tikkumpensa lil Condor għad-danni mġarrba direttament minħabba l-kanċellazzjoni jew l-ippjanar mill-ġdid tat-titjiriet tagħha wara l-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar fil-kuntest tal-pandemija tal-Covid-19.

Condor hija kumpannija tal-ajru li preċedentement kienet miżmuma minn Thomas Cook Group plc. Wara t-tqegħid fi stralċ ġudizzjarju tal-imsemmi grupp, Condor ġarrbet diffikultajiet finanzjarji u kellha titlob il-ftuħ ta' proċedura ta' insolvenza f'Settembru 2019<sup>1</sup>. Din il-proċedura ta' insolvenza, li jmissha nqas wara l-bejgħ ta' Condor lil investitur interessat, ġiet estiża f'April 2020, fejn l-investitur irtira l-offerta ta' xiri tiegħu.

Permezz ta' deċiżjoni tas-26 ta' April 2020, il-Kummissjoni ddikjarat l-għajjnuna kkomunikata kompatibbli mas-suq intern fis-sens tal-Artikolu 107(2)(b) TFUE<sup>2</sup>. Konformement ma' din id-dispożizzjoni, l-għajjnuna intiża li tirrimedja għad-danni kkawżati minn diżastri naturali jew avvenimenti straordinarji oħra hija kompatibbli mas-suq intern.

Sabiex tevalwa l-ammont tad-danni mġarrba minn Condor minħabba l-kanċellazzjoni jew l-ippjanar mill-ġdid tat-titjiriet tagħha wara l-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet tal-ivvjaġġar fil-kuntest tal-pandemija tal-Covid-19, il-Kummissjoni qabel kollox ikkalkolat id-differenza bejn il-previżjonijiet tal-profitti qabel it-taxxa għall-perijodu minn Marzu sa Diċembru 2020, imwettqa qabel u wara t-tħabbir tar-restrizzjonijiet tal-ivvjaġġar u tal-miżuri ta' konfinament. L-ammont ta' din id-differenza sussegwentement ġie miżjud bl-ispejjeż marbuta mal-estensjoni tal-perijodu ta' insolvenza ta' Condor wara l-falliment tal-bejgħ tagħha lill-investitur ikkonċernat.

Il-kumpannija tal-ajru Ryanair ippreżentat rikors għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, li ntlagħhet mill-Għaxar Awla Estiża tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li ssospendiet l-effetti tal-annullament sal-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Ġenerali tagħmel preċiżazzjonijiet dwar il-portata tal-obbligu ta' motivazzjoni tal-Kummissjoni meta din tafferma l-eżistenza ta' rabta kawżali diretta bejn id-danni li miżura ta' għajjnuna tkun intiża li tikkumpensa u avvenimenti straordinarji fis-sens tal-Artikolu 107(2)(b) TFUE.

**Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali**

<sup>1</sup> Fl-istess ħin tal-ftuħ tal-proċedura ta' insolvenza, il-Ġermanja tat lil Condor għajjnuna fil-forma ta' self għas-salvataġġ ta' EUR 380 miljun sabiex tkun tista' tkompli l-attivitajiet tagħha wara t-tqegħid fi stralċ ġudizzjarju tal-grupp li minnu hija kienet tiffirma parti. Permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' Ottubru 2019, C(2019) 7429 final dwar l-għajjnuna mill-Istat SA.55394 (2019/N) – Il-Ġermanja – Għajjnuna għas-salvataġġ lil Condor, il-Kummissjoni approvat din l-għajjnuna.

<sup>2</sup> Deċiżjoni C(2020) 2795 final dwar l-għajjnuna mill-Istat SA.56867 (2020/N, ex/2020/PN) – Il-Ġermanja – Kumpens għad-danni kkawżati mill-pandemija tal-Covid-19 lil Condor (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

Insostenn tar-rikors għal annullament tagħha, Ryanair invokat b'mod partikolari ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni mill-Kummissjoni, inkwantu din ma pprovdiet ebda spjegazzjoni dwar ir-raġunijiet li wassluha tinkludi, fil-kalkolu tad-danni li jistgħu jiġu kkompensati mill-miżura ta' għajjuna inkwistjoni, l-ispejjeż marbuta mal-estensjoni tal-perijodu ta' insolvenza ta' Condor wara l-falliment tal-bejgħ tagħha lil investitur potenzjali. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tippreċiża li, konformement mal-Artikolu 107(2) (b) TFUE, jistgħu jiġu kkompensati biss, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, l-iżvantaġġi ekonomiċi kkawżati direttament minn diżastri naturali jew minn avvenimenti straordinarji oħra. Għalhekk, għandu jkun hemm rabta diretta bejn id-danni kkawżati mill-avveniment straordinarju u l-għajjuna mogħtija mill-Istat u huwa neċessarju li ssir evalwazzjoni kemm jista' jkun preċiża tad-dannu mġarrab. B'hekk, il-Kummissjoni għandha tivverifika jekk il-miżuri ta' għajjuna inkwistjoni jistgħux jintużaw jew le sabiex jirrimedjaw għad-danni kkawżati minn avvenimenti straordinarji, filwaqt li għandu jiġi ppreċiżat li l-Artikolu 107(2) (b) TFUE tipprojbixxi miżuri ta' natura ġenerali u indipendenti mid-danni allegatament ikkawżati minn tali avvenimenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tivverifika li l-ammont tal-kumpens mogħti mill-Istat Membru kkonċernat huwa limitat għal dak li huwa neċessarju sabiex jagħmel tajjeb għad-danni mgarraba mill-benefiċjarji tal-miżura inkwistjoni.

Fid-dawl ta' dawn il-preċiżazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali tanalizza, fl-ewwel lok, l-għan iddikjarat tal-miżura ta' għajjuna u tikkonstata li, skont il-kliem stess tad-deċiżjoni kkontestata, il-miżura ta' għajjuna kienet intiża li tikkompensa lil Condor biss għad-danni kkawżati direttament mill-kanċellazzjoni u mill-ippjanar mill-ġdid tat-titjiriet tagħha minħabba r-restrizzjonijiet tal-ivvjaġġar imposti fil-kuntest tal-pandemija tal-Covid-19, bl-esklużjoni tas-sorsi l-oħra kollha ta' danni marbuta b'mod iktar ġenerali mal-imsemmija pandemija.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali teżamina r-raġunijiet li wasslu lill-Kummissjoni tqis li l-ispejjeż addizzjonali sostnuti minn Condor minħabba l-estensjoni tal-proċedura ta' insolvenza kienu kkawżati direttament mill-imsemmi annullament u mill-ippjanar mill-ġdid tat-titjiriet. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tikkonstata li l-Kummissjoni sempliċement indikat li kien "leġittimu" li żżid l-ispejjeż addizzjonali ġġenerati fil-kuntest tal-estensjoni tal-proċedura ta' insolvenza ta' Condor mad-danni mitluba, mingħajr ma spjegat, b'mod suffiċjentement ċar u preċiż, ir-raġunijiet għalfejn hija qieset li l-kawża determinanti għal dawn l-ispejjeż kienet dovuta għall-annullament u għall-ippjanar mill-ġdid tat-titjiriet ta' Condor imposti fil-kuntest tal-pandemija tal-Covid-19.

Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali tosserva li ebda element fid-deċiżjoni kkontestata ma jindika li l-bejgħ ta' Condor falla minħabba l-kanċellazzjoni u l-ippjanar mill-ġdid tal-imsemmija titjiriet. Mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta pjuttost li l-proċedura ta' insolvenza, li nbdiel qabel ma seħħet il-pandemija ta' Covid-19, tressqet minħabba diffikultajiet finanzjarji li ffaċċjat Condor wara l-istralċ tal-kumpannija omm tagħha. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni kellha tistaqsi b'attenzjoni partikolari dwar jekk l-annullament u l-ippjanar mill-ġdid tat-titjiriet ta' Condor minħabba restrizzjonijiet tal-ivvjaġġar imposti fil-kuntest tal-pandemija kinux verament il-kawża determinanti tal-ispejjeż addizzjonali sostnuti minn Condor minħabba l-estensjoni tal-proċedura ta' insolvenza, u kellha timmotiva d-deċiżjoni tagħha fuq dan il-punt suffiċjentement kif meħtieġ mil-liġi.

Fir-raba' lok, il-Qorti Ġenerali tosserva li l-Kummissjoni la spjegat il-mod kif l-ispejjeż addizzjonali kkawżati mill-estensjoni tal-proċedura ta' insolvenza ġew evalwati, u lanqas it-tip ta' spejjeż ikkonċernati. Il-Kummissjoni lanqas ma wieġbet il-mistoqsija dwar jekk it-totalità tagħhom jew biss parti minnhom tqiesx li ġiet direttament ikkawżata mill-kanċellazzjoni u mill-ippjanar mill-ġdid tat-titjiriet ta' Condor.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali tikkonstata insuffiċjenza ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata fir-rigward tar-rabta kawżali diretta bejn l-ispejjeż li jirriżultaw mill-estensjoni tal-perijodu ta' insolvenza u l-annullament u l-ippjanar mill-ġdid tat-titjiriet ta' Condor minħabba restrizzjonijiet tal-ivvjaġġar imposti fil-kuntest tal-pandemija tal-Covid-19. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali tannulla d-deċiżjoni kkontestata.

Madankollu, fid-dawl tal-fatt li dan l-annullament jirriżulta mill-insuffiċjenza ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata u li t-tqegħid inkwistjoni immedjata tal-ġbir tas-somom ta' flus previsti mill-miżura ta' għajjuna nnotifikata għandha konsegwenzi partikolarment dannużi għall-ekonomija tal-

Ġermanja f'kuntest ekonomiku u soċjali diġà mmarkat minn taqlib serju fl-ekonomija pprovokat mill-pandemija tal-Covid-19, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li tissospendi l-effetti tal-annullament tad-deċiżjoni kkontestata sal-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida mill-Kummissjoni.

---

**NOTA:** Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem mill-komunikazzjoni tagħha.

**NOTA:** Ir-rikors għal annullament huwa intiż biex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinġoloq bl-annullament tal-att.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.*

*It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.*